# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 9 ta' Jannar 2017**

**Numru 1**

**Rikors numru 45/16 LSO**

**Angelo Frank Paul Spiteri**

**v.**

**L-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell maghmul mill-Avukat Generali [l-appellant], minn digriet [id-digriet appellat] moghti fil-21 ta' Gunju 2016 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, li permezz tieghu dik il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrent [l-appellat] ghal rimedju provvizorju u ordnat il-helsien tieghu mid-detenzjoni u li jibqa' hekk hieles sakemm ma

jkunx hemm bdil fic-cirkostanzi, u wkoll taht il-kondizzjonijiet hemmhekk elenkati.

**Il-Fatti**

2. Fit-18 ta' Dicembru 2015 l-appellat kien tressaq taht arrest wara l-hrug kontrih ta' Mandat ta' Arrest Ewropew datat 6 ta' Awissu 2015, mahrug mill-ufficcju tal-Prosekutur Generali tal-Litwanija. Dakinhar huwa kien inghata l-helsien mill-arrest taht il-kondizzjonijiet hemmhekk stipulati. Fil-15 ta' Jannar 2016, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti [il-Qorti tal-Magistrati] ordnat li l-appellat ikun estradit lejn ir-Repubblika tal-Litwana, liema sentenza kienet sussegwentement giet konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Frar 2016. Abbazi tal-Att dwar Estradizzjoni Kap. 276, huwa kellu jinzamm taht arrest sakemm issehh id-deportazzjoni tieghu.

3. Fit-23 ta' Frar 2016 l-appellat istitwixxa proceduri kostituzzjonali fejn talab dikjarazzjoni gudizzjarja li s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fil-15 ta' Jannar 2016 hija leziva tad-dritt tieghu protett bl-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni] u bl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali [il-Konvenzjoni].

4. Fl-10 ta' Mejju 2016 l-appellat intavola l-proceduri kostituzzjonali odjerni li permezz taghhom qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjarja illi l-Artikoli 15[3] u 17 tal-imsemmi Kap. huma lezivi tad-drittijiet fundamentali tieghu protetti bl-Artikoli 5(1), 5(3), 5(4), 6 u 13 tal-Konvenzjoni u konsegwenzjalment, li l-arrest tieghu taht l-imsemmija artikoli huwa wiehed illegali. Ghalhekk qed jitlob illi l-Qorti tordna l-helsien mill-arrest tieghu u tillikwida kumpens xieraq li l-appellat ghandu jigi ordnat ihallsu minhabba d-deprivazzjoni tal-liberta` tieghu mill-15 ta' Jannar 2016 sar-rilaxx tieghu.

**Ir-Rikors Promotur**

5. Permezz tal-proceduri kostituzzjonali odjerni, l-appellat qed jitlob li skont it-termini tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni] u l-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni, dik il-Qorti tordna l-iskarcerazzjoni jew il-helsien mid-detenzjoni tieghu pendenti l-istess proceduri taht l-istess kondizzjonijiet li kienu imposti fuqu bid-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-18 ta' Dicembru 2015, jew taht kondizzjonijiet ohra li l-Qorti jidhrilha xierqa, stante li l-inkarcerazzjoni ulterjuri tieghu qed tkun ta' pregudizzju ghad-dritt tieghu ghal-liberta`.

6. L-appellant, allura intimat, ikkontesta dik it-talba permezz ta' risposta datata 9 ta' Gunju 2016, izda l-Qorti laqghat it-talba tar-rikorrent, u kien ghalhekk illi l-intimat istitwixxa l-appell odjern.

## Id-Digriet Appellat

7. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha, wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Ikkonsidrat li l-fatti li wasslu ghall-proceduri odjerni mhumiex in kontestazzjoni. Ir-rikorrent gie imqieghed taht ordni ta' kustodja (*custody on remand)* fi stennija ghat-treggiegh lura lejn il-Litwanja wara li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti, kif ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali, esegwew Mandat ta' Arrest Ewropew kontrih. B'effett immedjat tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) gie revokat il-helsien mill-arrest u r-rikorrent baqa' detenut fil-facilita' Korrettiva ta' Kordin sallum.
>
> "Illi mhuwiex ikkontestat li ma jistax jinheles mid-detenzjoni taht il-ligijiet ordinarji tal-pajjiz, hekk kif jinsab enuncjat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-digriet moghti fis-26 ta' Jannar 2016 fuq talba tal-istess rikorrent.
> Ghaldaqstant bhala stat ta' fatt, il-liberta' tar-rikorrent giet mnehhija minnkejja li ghadu mhuwiex misjub hati tal-akkuzi li l-prosekutur fil-Litwanja ghad irid iressaq kontrih.
>
> "**Kronologija**
>
> "- 18 ta' Dicembru 2015 ir-rikorrent tressaq taht arrest mill-Pulizija ta' Malta quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) wara l-hrug kontrih ta' Mandat t'Arrest Ewropew datat 6 ta' Awwissu 2015 li kien mahrug mill-Ufficcju tal-Prosekutur Generali tal-Litwanja.
>
> "- F'dik id-data tat-18 ta' Dicembru 2015 talab u nghata l-helsien mill-arrest essenzjalment fuq depozitu ta' €5,000 (hamest elef ewro) u garanzija personali ta' €10,000 (ghaxart elef ewro), apparti l-obbligu li jiffirma kuljum fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra;
>
> "-Fil-15 ta' Jannar 2016 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti ordnat li jkun estradit lejn ir-Repubblika tal-Litwanja.
>
> "- Din is-sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Frar 2016.
>
> "- Ir-rikorrent intavola proceduri kostituzzjonali pendenti quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz *Angelo Frank Paul Spiteri v L-Avukat Generali* (Rik.Kost .23/2016 JPG) u ghalhekk l-ezekuzzjoni ghat-treggiegh lura tar-rikorrent giet sospiza.

“Illi r-rikorrent inzamm arrestat u tilef il-helsien mill-arrest li kellu fil-15 ta' Jannar 2016 .

“**Risposta tal-Avukat Generali**

“L-intimat oppona ghat-talba odjerna billi jsostni li tali talba tikkostitwixxi abbuz procedurali *stante* li l-ordni ta' kustodja nghatat f'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti li ghaddiet in gudikat wara li giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Inoltre r-rikorrent kien gja talab li jigi mehlus mill-arrest mill-istess Qorti tal-Appell Kriminali, u din it-talba giet michuda. Jissottometti li mizuri provizorji huma mizuri eccezzjonali, u li m'ghandhomx iservu sabiex jistultifikaw l-ezekuzzjoni ta' sentenzi li ghaddew in gudikat. Bhala punt fattwali jirrileva li l-ezekuzzjoni tas-sentenza giet sospiza pendenti l-proceduri kostituzzjonali istitwiti mir-rikorrent stess (Rik.Kost. 23.2016JPG).

“**Konsiderazzjonijiet ta' dritt**

“Illi l-punti sollevati mill-Avukat Generali gew ikkonsidrati f'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati taghna. Il-Qorti ser taghmel riferenza ghall-principji enuncjati senjatament in-natura straordinarja ta' mizuri provizorji fl-ambitu ta' drittijiet fondamentali, u l-applikazzjoni tal-principju ta' *res judicata.*

“Hekk fid-decizjoni fl-ismijiet **Raymond Caruana v. L-Avukat Generali, Rik. Nru. 36/03** moghtija fit-23 ta’ April 2004 gie ribadit li : "*skont il-prassi taht il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem 'interim relief' jinghata meta 'there is an apparent real and imminent risk of irreparable harm' u generalment jinghata f’kazijiet fejn hemm 'an alleged risk to life or ill treatment' fosthom kazijiet ta’ ‘deportation’ u ‘explusion’ ghal stati fejn ir-riskju ghall-hajja huwa kbir hafna."*

“Ghal dak li jirrigwarda l-principju ta' *res judicata,* fid-decizjoni fl-ismijiet **Joseph Emanuel Ruggier et v. Joseph Oliver Ruggier pro et noe et, Rik. Nru. 21/05** moghtija fl-4 ta’ Lulju 2005, il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) ghamlet is-segwenti osservazzjoni: "*ghalkemm huwa minnu illi, fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, din il-qorti ghandha wkoll is-setgha li tholl lill-partijiet mir-rabta ta’ res judicata jekk dan ikun mehtieg biex taghti rimedju kontra ksur ta’ drittijiet fondamentali, dan ma ghandux isir leggerment u zgur mhux qabel ma tkun inghatat sentenza li ssib illi tassew kien hemm dak il-ksur. Allegazzjoni ex parte illi sar ksur ta’ dritt fondamentali ma hijiex ekwivalenti ghal sejbien gudizzjarju ta’ ksur ta’ drittijiet fondamentali, u hija ghal kollox inkompatibbli mas-serjetà tal-process gudizzjarju u l-finalità ta’ res judicata illi sentenza tinzamm milli titwettaq ghax xi hadd jallega li kien hemm ksur ta’ drittijiet fondamentali. Fil-fehma ta’ din il-qorti, sentenzi li saru res*

*judicata ghandhom jitqiesu li jiswew u li nghataw rite et recte sakemm ma jintweriex mod iehor."*(sottolinear ta' dik il-Qorti).

"Illi madanakollu, din il-qorti kif diversament presjeduta, fil-kaz **Emmanuel Camilleri v Spettur Louise Calleja et** (PA (Kost) - per On.Imh.J.R.Micallef - 2 ta' Gunju 2014) laqghet it-talba tar-rikorrent u ordnat bhala provvediment proviżorju il-helsien tieghu ta' detenzjoni minnkejja li kien gie misjub hati tal-akkuzi migjuba kontrih u ikkundannat ghall-piena ta' habs b'sentenza li ghaddiet in gudikat. F'dik id-decizjoni l-Qorti enuncjat il-principji legali u dottrinali li ggwidaw il-Qrati taghna fil-materja ta' *interim relief* :-

""*Illi s-setgħat mogħtijin mil-liġi lil din il-Qorti f'kawżi ta' għamla Kostituzzjonali mhumiex imfissrin b'mod eżawrjenti f'xi dispożizzjoni partikolari, u r-rimedji li hija tista' tintalab tagħti huma mħollijin fid-diskrezzjoni tagħha fl-aħjar interess tal-ġustizzja u biex tagħmel ħaqq fejn meħtieġ;*

"*Illi hija għandha s-setgħa tirregola l-proċedura tagħha u li tagħti dawk il-provvedimenti, kemm definittivi u kif ukoll interlokutorji, li tinqala' l-ħtieġa tagħhom waqt kull smigħ, sabiex jiggarantixxu li t-trattazzjoni tal-kwestjoni li tkun tressqet quddiemha bl-ebda mod ma tkun suġġetta għal*
*pressjonijiet indebiti jew ħsara irriversibbli għal xi waħda mill-partijiet*[1]

"*Illi l-miżuri provviżorji huma maħsuba biex iżommu milli ssir ħsara li ma tissewwiex lil vittma ta' ksur ta' jedd fundamentali b'tali mod li ma jsir xejn li jista' jxejjen jew inaqqas mill-awtorita' u l-effikaċja tas-sentenza li tingħata dwar l-istess ilment*[2]*. F'dan ir-rigward, biex jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ 'prima facie' ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura provviżorja sejra ġġib ħsara li ma titreġġax lura fil-każ tiegħu*[3]*. Għalhekk, m'huwiex biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhix ċerta li sseħħ. Minħabba f'hekk, l-għoti ta' provvediment proviżorju f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluh meħtieġ*[4]*;*

"*Illi fuq kollox, l-għoti tar-rimedju interlokutorju jew provviżorju ma għandu qatt jintalab jew jingħata b'mod li jippreġudika l-mixi nnifsu tal-proċedura li fiha jintalab u bl-ebda mod ma għandu jintuża biex jorbot idejn il-Qorti li tagħtih dwar il-mod kif fl-aħħar mill-aħħar tagħti s-*

---

[1] Ara provvediment P.A. (Kost.) AJM 5.10.1999 fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Gauċi et vs Avukat Ġenerali et**

[2] *Q.E.D.B. 6.2.2003 fil-kawża fl-ismijiet* ***Mamatkulov et vs Turkija*** *(Applik. Nru. 46837/99) § 110*

[3] *Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory & Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit, 2006) §.2. 2.8.3, p. 113- Illi fil-pag 113 et seq –*
*… it is only in cases of extreme urgency that interim measures are indicated : the facts must prima facie point to a violation of the Convention, and the omission to take the proposed measures must result or threaten to result in irreparable injury to certain vital interests of the parties or the progress of the examination. (enfasi u sottolinear tal-qorti)*

[4] Deg P.A. (Kost.) AE 16.4.2014 fil-kawża fl-ismijiet Daniel Alexander Holmes vs Avukat Ġenerali et.

*sentenza tagħha jew kif tikkunsidra bis-serenita' jew l-indipendenza meħtieġa l-provi u l-argumenti li l-partijiet iressqu quddiemha.*

"*Illi għalkemm huwa minnu, kif jallegaw l-intimati, li l-għoti tal-provvediment provviżorju quddiem il-Qorti ta' Strasburgu taħt ir-regolament* ***39 tar-Regoli tal-Proċedura*** *ta' dik il-Qorti jkun bosta drabi marbut ma' ksur ta' jedd taħt l-artikolu 2 jew l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni5, ma hemm l-ebda dispożizzjoni li tillimita l-għoti ta' provvediment bħal dak biss għall-imsemmija żewġ artikoli. Kemm hu hekk, kien hemm każijiet fejn l-għoti ta' provvediment ingħata wkoll waqt proċeduri li kienu jirrigwardaw ukoll ilment ta' ksur tal-artikolu 6 tal-istess Konvenzjoni."*[56]

"Il-Qorti tabbraccja dawn il-principji u taghmilhom taghha. Huwa minnu li r-rimedju provvdut bl-Artikolu 39 tal-Konvenzjoni gew applikati ordinarjament fejn hemm periklu ta' hsara irrimedjabbli ghall-hajja jew ghall-inkolumita' fizika kif imfissra fl-artikli 2 u 3 tal-Konvenzjoni. Fil-ktieb "**A Practitioner`s Guide to the European Convention on Human Rights"** (4th Edition – Sweet & Maxwell) Karen Reid tghid illi :-

""*As a general practice, measures (riferibbilment ghal interim relief) are applied only where there is an apparent real and imminent risk of irreparable harm to life and limb … While the procedure has been invoked in respect of other types of cases e.g. adoption of children, which may be arguably be of an irreparable nature, r.39 (riferribbilment ghar-Rule 39 tar-Rules of Court tal-ECHR) has not been applied save in a few exceptional cases. Matters of detention or interference with property, for example, are not regarded as necessitating interim measures."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

"B'dan ma jfissirx li l-Qorti Ewropea ma ghamlitx ordnijiet interlokutorji f'kazijiet li jinvolvu d-detenzjoni tul il-medda tas-snin (Ara ad ezempju *Paladi v Moldova* (GC Hudoc (2009) u Melnikova v Russia (21 ta Gunju 2007).

"**Konsiderazzjoni ta' din il-Qorti dwar l-applikazzjoni ta' dawn il-principji ghall-fatt tal-kaz.**

"**Dritt *Prima Facie***

"Illi l-Qorti tabbraccja l-principji enuncjati fil-kaz ta' Emmanuel Camilleri u tqies li talba ghall-mizura provizorja mhix eskluza *a priori* meta l-mizura interlokutorja qed tintalab sabiex jigi evitat dannu u pregiudizzju irrimedjabbli anke wara sentenza definittiva. Ir-rimedju kostituzzjonali joffri lic-cittadin l-ahhar, u f'certu kazi, l-unika protezzjoni kontra l-vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali minnkejja l-legittimita' taghhom skont il-ligi ordinarja tal-pajjiz. Isegwi ghalhekk li

[5] Ara K Reid A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights (3rd Edit, 2007) § I.021, p. 20 iccitat *post*
[6] Ara Ordni Interim Q.E.D.B. 30.11.1999 fil-kawża Ocalan vs Turkija (Applik. 46221/99

din il-Qorti mhix mizmuma milli tikkonsidra talbiet bhal dak odjern fl-ambitu tal-principji legali konvenzjonali.

“Illi filwaqt li r-rikors kostituzzjonali intavolat mir-rikorrent ghandu effett sospensiv ghal dak li jirrigwarda l-ordni ta' treggija lejn il-Litwanja, b’effett tad-disposizzjoni espressa tal-Ligi (Art. 21 tal-Kap 276), id-detenzjoni baqghet effettiva.

Ikkonsidrat li l-kaz odjern jirrapprezenta sitwazzjoni ta' *pre-trial custody on remand.* Ma hemmx sejba ta' htija fuq il-mertu tal-akkuzi migjuba kontra r-rikorrent li, ghaldaqstant ghadu jgawdi mill-prezunzjoni tal-innocenza. Difatti l-artikolu **17(1) tal-Kap 276 jiddisponi li:**

> “***"17.*** *(1) Kull persuna mqiegħda jew mibgħuta taħt kustodja skont l-artikolu 15 għandha tintbagħat il-ħabs u għandha tiġi meqjusa bħala persuna li tkun qed tistenna biex isirulha l-proċeduri."*

“Illi gie senjalat li l-ezekuzzjoni tal-ordni ta' treggija hija sospiza minnhabba l-proceduri li l-istess rikorrent istitwixxa. Izda hija l-ligi stess li taghti rimedju kostituzzjonali f'kazijiet ta' estradizzjoni tant li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti hija marbuta bil-Ligi li tgharraf lill-persuna li ser tigi estradata li tista' tappella quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali kif ukoll tuzufruwixxi mir-rimedji Kostituzzjonali u Konvenzjonali dwar id-drittijiet u libertajiet fondamentali tal-bniedem. Taht din l-ottika, huwa minnu li r-rikorrent stess ikkaguna l-prolongament tal-kustodja tieghu. Madanakollu din il-qorti taqbel li m'ghandux jigi penalizzat semplicement ghaliex fittex protezzjoni konvenzjonali li sahansitra hija kkontemplata *espressis verbis* fil-ligi ordinarja.

“Hawnhekk il-qorti tqies li ghandha tigbed distinzjoni bejn persuna li gja instab hati ta' akkuza f'gurisdizzjoni estera, u persuna ohra, bhal ma hu l-kaz odjern, fejn l-akkuzi ghadhom ma gewx ippruvati. Il-kazijiet ta' Daniel Alexander Holmes u Raymond Caruana jaqghu fl-ewwel kategorija fejn il-htija giet ippruvata b'sentenza li ghaddiet in gudikat. Ir-rikorrent fil-kaz tallum tqieghed taht kustodja billi l-Qrati taghna sabu li kien hemm kaz *prima facie* ghall-estradizzjoni tieghu minghajr ma ppronunzjat ruhha fuq il-mertu tal-akkuzi.

“Gie sottomess li r-rikorrent qed jirrinfaccja cahda indefinita tal-liberta' tieghu *stante* li ghalkemm hu minnu li proceduri kostituzzjonali u konvenzjonali ghandhom jimxu b'certa heffa, huwa ghandu d-dritt li jezawrixxi l-istadji kollha procedurali, inkluz li jipprezenta petizzjoni lill-Qorti Ewropea.

“Illi minnkejja li hija l-ligi stess li tnehhi l-liberta', din il-Qorti hi tal-fehma li **fejn ghad ma hemmx sejbien ta' htija** jinkombi fuq l-Istat f'dawn il-proceduri sabiex juri ghaliex ir-rikorrent ghandu jkompli jigi pprivat mill-liberta' tieghu. Fil-kaz odjern ma tressqet l-ebda raguni

> ghalhiex m'ghandux ir-rikorrent igawdi mid-drittijiet moghtija lill-akkuzati f'Malta pendenti s-smigh tal-akkuzi kontrihom. Il-Qorti qed taghmila cara li qed tillimita l-konsiderazzjoni taghha ghall-fattispecie partikolari tal-kaz li ghandha quddiemha u cioe`, fejn ir-rikorrent ghadu ma nstabx hati ta' offiza estradabbli. Min-naha l-ohra, tapprezza li jista' jipprezenta *flight risk* u ghalhekk ser timponi diversi kondizzjonijiet ghall-helsien tieghu li ghandhom kollha jigu osservati bir-reqqa.
>
> "Ghalhekk fid-dawl tal-premess, din il-qorti ssib li r-rikorrent wera fuq bazi *prima facie* li m'ghandux jibqa' jinzamm taht detenzjoni. Dwar l-aspett ta' irrimedjabbilita' tqies li c-cahda ta' liberta' hija fiha innifisha irrimedjabbli ghaliex ladarba tintilef, ma tingiebx lura.
>
> "Ghaldaqstant ser tghaddi biex tordna l-helsien mid-detenzjoni tar-rikorrent taht il-kondizzjonijiet li ser jigu hawn l-isfel imposti".

## L-Appell

8. L-Appellant qed jibbaza l-appell tieghu fuq zewg aggravji: [1] illi skont il-ligi, l-ewwel Qorti ma kellhiex il-poter li tohrog il-mizura provvizorja kontenuta fid-digriet appellat u, [2] li mhuwiex minnu li jezistu cirkostanzi li jiggustifikaw il-hrug tal-ordni provvizorja li nghatat fl-istess digriet.

9. Ghalhekk l-appellant qed jitlob lil din il-Qorti sabiex thassar u tirrevoka d-digriet appellat, li permezz tieghu helset lir-rikorrent mid-detenzjoni taht il-kondizzjonijiet hemmhekk elenkati u minflok, tichad it-talba tieghu ghall-helsien mid-detenzjoni, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrent.

10. Da parti tieghu l-intimat qed jitlob li din l-Qorti tichad l-appell u tikkonferma d-digriet appellat, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

**L-Aggravji**

*L-Ewwel Aggravju*

11. Dan l-aggravju huwa ta' natura procedurali u huwa fis-sens li, skont l-appellant, l-ewwel Qorti ma kellhiex il-poter li tohrog il-mizura provvizorja skont il-ligi nostrana. Huwa kompla jfisser hekk dan l-aggravju:

> "……. l-Ewwel Qorti mhux gjusta meta tghid li l-bazi ta' *interim measure* huwa l-Artiklu 39 tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-Oorti Ewropea ghandha l-poter li taghti mizuri provvizorji abbazi tal-Artikolu 39 *tar-Rules of Court* izda mhux tal-Konvenzjoni Ewropeja. ………….. la fil-Kostituzzjoni ta' Malta, la fil-Kap. 319, la fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u lanqas fil-*Good Practice and Procedure and Good Order Rules* (SL 12.09) ma nsibu s-setgha li Qorti munita b'gurisdizzjoni kostituzzjonali tista' taghli tali mizuri provvizorji. Illi huwa minnu li l-Qorti munita b'gurisdizzjoni kostituzzjonali ghandha s-setgha taghti kull ordni u taghti direzzjonijiet li jidhrilha li ghandha taghti izda dan huwa marbut u cirkoskritt mas-sejbien la vjolazzjoni ta' xi dritt fundament u cioe' tali ordnijiet jinhargu mas-sejbien ta' vjolazzjoni izda certament li mhux qabel tali sejbien jew jinhargu ordnijiet provvizzorji. Il-ligi nostrana ma taghti l-ebda poter residwu lill-Qorti munita b'gurisdizzjoni kostituzzjonali li taghti provvedimenti provizorji. Li kieku l-legislatur ried li jaghti dina s-setgha kien jipprovdi ghaliha espressament. Illi l-fatt I i l- Istat huwa firmatarju tal-Konvenzjoni Ewropea ma jfissirx li *r-Rules of Court* tal-Qorti Ewropea jorbtu l-Qrati nostrani izda l-Qrati nostrana in kwantu l-procedura adottata minnhom huma marbuta bir-regoli li l-legislalur Malti stabilixxa f'dan ir-rigward. Illi fl-ebda regola applikabbli ghall-Qrati muniti b'gurisdizzjoni kostituzzjonali ma nsi bu tali poter u ghalhekk l-appellant jirrileva li l-Ewwel Qorti qatt ma setghat tohrog l-mizura provvizorja kif mitluba".

12. L-appellat iwiegeb ghal dan l-aggravju billi, filwaqt illi jiccita gurisprudenza nostrana in sostenn tat-tezi tieghu, jghid fost affarijiet ohra, illi l-Qorti b'kompetenza kostituzzjonali ghandha kull setgha u poter illi taghti dawk l-ordnijiet li jidrulha xierqa sabiex tizgura t-twettieq tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem meta dawn x'aktarx ikunu ser jigu miksura. Jissenjala li, ghalkemm il-Konvenzjoni Ewropea ma taghtix is-setgha lill-Qorti Ewropea li taghti *interim measures,* dan ma jipprekludix lil dik il-Qorti milli taghti ordnijiet provvizorji fejn jidhrilha mehtieg.

*It-Tieni Aggravju*

13. Dan l-aggravju huwa addizzjonali ghal dak ta' qablu u huwa fis-sens li fil-kaz odjern ma jezistux l-estremi fattwali u legali sabiex tinghata l-mizura provvizorja li nghatat permezz tad-digriet appellat.

14. Fir-rigward, l-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti dahlet fi kwistjonijiet ta' *European Arrest Warrant* li jispettaw lill-istat li jkun talab it-treggiegh lura tal-persuna. Jghid inter alia li f'kuntest ta' estradizzjoni, il-Qorti rimandanti ma ghandhiex il-funzjoni li tidhol f'analizi tas-sustanza tar-reat li bih persuna tkun giet akkuzata f'gurisdizzjoni estera. L-ezami li kellha taghmel l-ewwel Qorti huwa jekk qafas legislattiv fl-Att dwar l-Estradizzjoni li jimponi kustodja tal-persuna sal-mument tat-treggiegh lura jivvjolax id-dritt tal-liberta` tal-persuna. Ladarba kien hemm ordni ta' treggiegh, kienet dik li torbot u l-kwistjoni jekk persuna hijiex sentenzjata

jew le hija irrelevanti. Jghid ukoll li l-mizuri provvizorji ma humiex intizi biex jistultifikaw sentenzi li jkunu ghaddew in gudikat, u bl-ordni li tat, l-ewwel Qorti hija effettivament iddecidiet it-tielet talba tar-rikorrenti fir-rikors promotur tieghu. Jikkwota gurisprudenza lokali u jsostni li b'hekk l-ewwel Qorti ppronunzjat ruhha dwar il-mertu. Jissottometti illi l-ghoti ta' *interim measures* huwa ezercizzju eccezzjonali u straordinarju u ghandhom jinghataw biss f'sitwazzjonijiet estremi ta' allegata vjolazzjoni tad-dritt ghall-hajja u tad-dritt li persuna ma tigix assoggettata ghal tortura jew trattament inuman u degredanti f'kuntest ta' estradizzjoni, deportazzjoni u espulsjoni. Jghid ghalhekk li d-decizjoni tal-ewwel Qorti hija totalment zbaljata u mhux sorretta mill-provi u ma tezisti ebda cirkostanza li tiggustifika l-ghoti ta' tali mizura.

15. Minn naha tieghu l-appellat jilqa' ghal dan l-aggravju billi, inter alia, jissenjala li l-proceduri odjerni huma intizi sabiex jattakkaw l-Artikoli 15 (3) u 17 tal-Kap. 276 inkwantu dawn huma lezivi tad-drittijiet kostituzzjonali u konvenzjonali tieghu protetti bl-artikoli fuq citati. Jghid li dan il-kap ma jaghmel ebda distinzjoni bejn persuni li diga nstabu hatja u persuni li fil-konfront taghhom ma hemmx sejbien ta' htija, u ghalhekk l-ewwel Qorti kienet gusta meta ghamlet din id-distinzjoni. Dik il-ligi ma taghtiex lil bniedem prezunt innocenti opportunita` li jitlob il-helsien mid-detenzjoni jew li almenu r-raguni tad-detenzjoni tieghu tigi mistharrga, liema opportunita` tinghata lil kull persuna ohra akkuzata b'reat kriminali.

16. Ikompli jissottometti illi ma jistax jigi injorat il-principju kardinali li l-mizuri provizorji huma intizi sabiex jipprevjenu hsara, iktar u iktar hsara irreparabbli milli ssehh. Jikkwota gurisprudenza nostrana fir-rigward u jkompli jghid illi fil-kaz odjern x'jikkostitwixxi hsara huwa manifestament car. Huwa biss fuq bazi ta' stharrig maghmul minn pajjiz terz, li l-esponent kien michud mill-liberta` tieghu. Barra minn hekk huwa ma ghandux jigi penalizzat ghaliex fittex il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu u fetah il-proceduri odjerni. Jghid ukoll li ma jistax jinghad li l-ewwel Qorti ppronunzjat ruhha fil-mertu ghaliex xejn ma jipprekludi lill-ewwel Qorti illi fis-sentenza finali taghha tippronunzja ruhha b'mod differenti. Jikkwota wkoll gurisprudenza tal-Qorti Ewropea[7] in sostenn tal-fatt li *interim measure* ma jinghatax biss fil-parametri tal-Artikolu 2 u 3 u, bl-istess mod bhal fil-kaz ta' ***Emanuel Camilleri***,[8] huwa ghandu d-dritt li jara li ma ssirlux hsara irrimedjabbli bid-detenzjoni tieghu.

17. Jissottometti finalment illi fit-tliet gimghat li gawda l-helsien mid-detenzjoni wara d-digriet tal-ewwel Qorti huwa osserva l-kondizzjonijiet li imponietlu l-ewwel Qorti minghajr problemi.

*Apprezzament ta' din il-Qorti*

[7] Q.E.D.B. Evans vs United Kingdom, deciz 7 ta' Marzu 2008; Yardanova & Others v Bulgarja, deciz 24 ta' April 2012
[8] Supra

*L-Ewwel Aggravju*

18. L-ewwel aggravju hu fis-sens li, kif inghad, l-ewwel Qorti ma kellhiex is-setgha li tohrog mizura provvizorja skont il-ligi taghna.

19. Din il-Qorti gia kellha l-okkazzjoni tispjega[9] li hu ormai ben stabbilit li l-Qrati ta' kompetenza kostituzzjonali ghandhom is-setgha li johorgu ordnijiet ta' natura temporanja sabiex iwettqu jew jizguraw it-twettieq tad-drittijiet tal-bniedem u libertajiet fundamentali, u dan kif previst fl-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319. L-appellant jissottometti li s-setgha tal-Qorti li taghti kull ordni u direzzjoni li jidhrilha li ghandha taghti hija marbuta u cirkoskritta mas-sejbien ta' vjolazzjoni ta' xi dritt fundamentali. Izda ma hux hekk. L-Artikolu 4(2) jawtorizza lill-Qorti tohrog tali ordnijiet u direzzjonijiet mhux biss "sabiex twettaq" xi dritt fundamentali izda wkoll "sabiex tizgura t-twettiq" ta' tali dritt u ma hemm xejn fl-istess artikolu li jipprekludi li tali ordni jew direzzjoni tkun tikkonsisti f'mizura provvizorja mirata ghall-fini msemmi.

20. Ghalhekk dan l-aggravju jirrizulta infondat u qieghed jigi respint.

*It-Tieni Aggravju*

21. Il-ligijiet relevanti ghal dan l-aggravju huma s-segwenti.

---

[9] Ara Q Kost. **Ryan Briffa v. Avukat Generali**, 13/6/2013

22. L-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni li fil-parti relevanti tieghu jghid li:

"Hadd ma ghandu jigi pprivat mil-liberta' tieghu hlief fil-kazijeit li gejjin u skont il-procedura preskritta bil-ligi:

"…………

"[f] l-arrest jew id-detenzjoni skont il-ligi ta' persuna …….. li kontra taghha tkun qed issir kawza ghad-deportazzjoni jew ghall-estradizzjoni".

23. L-Artikolu 15 [3] tal-Att dwar l-Estradizzjoni (Kap. 276) fil-parti relevanti tieghu jaqra hekk:

"Meta awtorità għal proċediment tkun ġiet maħruġa dwar il-persuna arrestata u l-qorti rimandanti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-provi kollha miġjuba biex isostnu t-talba għat-treġġigħ lura ta' dik l-persuna jew miġjuba f'isem dik il-persuna, li r-reat li dwaru dik l-awtorità tirreferixxi huwa reat ta' estradizzjoni u tkun ukoll sodisfatta - (a) jekk il-persuna hija akkużata bir-reat, illi l-provi jkunu biżżejjed biex jiġġustifika li dik il-persuna tgħaddi proċeduri dwar dak ir-reat li kieku kien sar fil-ġurisdizzjoni tal-Qrati tal-Ġustizzja Kriminali ta' Malta; (b) jekk jiġi allegat dwar dik il-persuna li hi ħielsa kontra l-liġi wara li nstabet ħatja ta' reat, illi hi kienet verament misjuba hekk ħatja u jidher li tkun hekk ħielsa, il-qorti għandha, kemm-il darba ma jkunx projbit li dik il-persuna hekk tintbagħat minn xi disposizzjoni oħra ta' dan l-Att, tibgħatha taħt kustodja għall-fini tat-treġġigħ lura tagħha taħt dan l-Att; ..".

24. L-Artikolu 17 tal-istess Att fil-parti relevanti tieghu jghid hekk:

"[1] Kull persuna mqieghda jew mibghuta that kustodja skont l-artikolu 15 ghandha tintbaghat il-habs u ghandha tigi meqjusa bhala persuna li tkun qed tistenna' biex isiruhlha l-proceduri".

25. L-Artikolu 21 tal-istess Att fil-parti relevanti tieghu jghid:

"[2] Persuna m'għandhiex titreġġa' lura għal xi pajjiż skont dan l-Att -
"………

"[b] jekk il-persuna mibgħuta taħt kustodja jkollha l-jedd tibda xi proċedimenti, sew ta' appell jew xort'oħra, lijistgħu jwasslu għar-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni tal-qorti biex tiġi mibgħuta taħt

> kustodja, u l-persuna li tintbagħat tkun bdiet dawk il-proċedimenti jew, jekk ikun hemm stabbilit b'liġi jewikun ġie stabbilit b'ordni jew b'sentenza tal-qorti żmien li fih dawk il-proċedimenti għandhom jinbdew, sakemm igħaddi dak iż-żmien;".

26. Fl-ewwel lok jigi ribadit minn din il-Qorti li f'materja tal-hekk imsejjha *interim measures* huwa car l-insenjament ta' din il-Qorti li tali mizuri ghandhom jittiehdu biss f'kazijiet ta' urgenza u sahansitra f'kazijiet ta' "urgenza estrema" fejn in-nuqqas ta' tehid ta' tali mizuri jirrizulta, jew jazzarda li jirrizulta, fi hsara irreparabbli ghall-interessi vitali tal-parti koncernata jew ghall-perkors tal-ezami li l-Qorti jkun jehtigilha taghmel.[10] Din il-Qorti rriteniet ukoll li mizuri *ad interim* huma indikati f'kazijiet ecezzjonali.[11] [*Q.Kost.* **Federation of Estate Agents v. Direttur Generali** *[Kompetizzjoni, deciza 25 ta' Settembru 2014]*

27. Fil-kaz odjern l-Avukat Generali, jikkontendi illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta kkonkludiet illi jezistu cirkostanzi li jiggustifikaw il-hrug ta' ordni provvizorja. Fost affarijiet ohra, huwa jikkwota mill-provvediment **Mario Borg v. l-Avukat Generali** tal-14 ta' Gunju 2016, fejn il-Prim'Awla fis-sede Kostituzzjonali taghha cahdet talba ghal skarcerazzjoni pendenti l-ezitu ta' proceduri kostituzzjonali ghal sejba ta' lezjoni tad-drittijiet tieghu taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

---

[10] Ara Q. Kost**.** **Joseph Camilleri v. Avukat Generali,** 1/7/2013, li ccitat b'approvazzjoni mill-ktieb "Theory and Practice of the European Convention on Human Rights" ta' Van Dijk et (4 ediz. 2006, pagna 113);
[11] Ara Q. Kost. **Joseph Ruggier et v. Joseph Olivier Ruggier et,** 22/8/2005 #7, #11

28. Ghandu jigi senjalat u jinghata l-importanza misthoqqa lill-fatt li fit-termini tal-Artikolu 5(1)(f) tal-Konvenzjoni l-privazzjoni mill-liberta` ta' "persuna li kontra taghha tkun qed issir kawza ghad-deportazzjoni jew ghall-estradizzjoni", bhal fil-kaz odjern, hi permessa. Issa huwa minnu li dan il-paragrafu jikkontempla eccezzjoni ghal regola u bhala tali ghandu jigi interpretat restrittivament, izda mill-banda l-ohra m'ghandiex tigi stultifikata b'derogazzjonijiet taht il-forma ta' interim measures mizura espressament permessa mill-artikolu konvenzjonali relevanti.

29. Huwa relevanti fir-rigward l-osservazzjonijiet maghmula mill-Qorti Ewropea fil-kawza **A and Others v. United Kingdom** [*Appl. 3455/05 GC, deciza fid-19 ta' Frar 2009*] fejn dik il-qorti elenkat cirkostanzi li jistghu jirrendu d-detenzjoni ta' persuna ghall-finijiet tal-paragrafu (f) wahda arbitrarja u leziva tad-dritt sancit bl-Artikolu 5(1) u allura vjolattiva tal-istess artikolu. Dik il-Qorti osservat hekk:

> "164. Article 5 § 1 (f) does not demand that detention be reasonably considered necessary, for example to prevent the individual from committing an offence or fleeing. Any deprivation of liberty under the second limb of Article 5 § 1 (f) will be justified, however, only for as long as deportation or extradition proceedings are in progress. If such proceedings are not prosecuted with due diligence, the detention will cease to be permissible under Article 5 § 1 (f) (see Chahal, cited above, § 113). The deprivation of liberty must also be "lawful". Where the "lawfulness" of detention is in issue, including the question whether "a procedure prescribed by law" has been followed, the Convention refers essentially to national law and lays down the obligation to conform to the substantive and procedural rules of national law. Compliance with national law is not, however, sufficient: Article 5 § 1 requires in addition that any deprivation of liberty should be in keeping with the purpose of protecting the individual from arbitrariness. It is a fundamental principle that no detention which is arbitrary can be compatible with Article 5 § 1 and the notion of "arbitrariness" in Article 5 § 1 extends beyond lack of

> conformity with national law, so that a deprivation of liberty may be lawful in terms of domestic law but still arbitrary and thus contrary to the Convention (see Saadi, cited above, § 67). To avoid being branded as arbitrary, detention under Article 5 § 1 (f) must be carried out in good faith; it must be closely connected to the ground of detention relied on by the Government; the place and conditions of detention should be appropriate; and the length of the detention should not exceed that reasonably required for the purpose pursued (see, mutatis mutandis, Saadi, cited above, § 74)”.[12]

30. Fil-kaz odjern, ma jirrizultax li d-detenzjoni ma saritx “in good faith” tenut kont tal-fatt li mill-atti jirrizulta pacifiku li d-detenzjoni tar-rikorrent saret bil-ghan li dan jigi estradit lejn u fuq rikjesta ta’ pajjiz ewropej iehor sabiex jghaddi proceduri kriminali f’dak il-pajjiz. Jirrizulta wkoll manifest li l-proceduri ta’ estradizzjoni quddiem il-qrati kriminali lokali ma ttawlux bla bzonn, anzi jinghad li dawk il-proceduri gew trattati b’mod spedit u konkluzi fi zmien qasir, u ghalhekk ma jistax jinghad li l-perijodu tad-detenzjoni sakemm ir-rikorrent jigi estradit, qed jitwal bla bzonn minn naha tal-iStat. Minn barra dan, jigi osservat li ma jirrizultax u ma sar ebda ilment da parti tar-rikorrenti li l-post u l-kondizzjonijiet tad-detenzjoni mhumiex “appropriate”. Ghaldaqstant ma rrizultaw ebda cirkostanzi li jirrendu l-kaz odjern wiehed urgenti jew ta’ “urgenza estrema” li fin-nuqqas tat-tehid ta’ mizuri provvizorji ser tirrizulta jew tista’ tirrizulta hsara irreparabbli ghall-interessi vitali tal-appellat jew ghall-perkors tal-ezami li l-Qorti jehtigilha taghmel. Ma rrizulta xejn li jirrendi l-kaz odjern wiehed eccezzjonali fis-sens premess.

[12] Sottolinear ta’ din il-Qorti

31. Fil-fehma tal-Qorti ma jezistux il-presupposti fattwali u legali li jaghtu lok ghat-tehid tal-mizura provvizorja mitluba mill-appellant.

32. Ghaldaqstant dan it-tieni aggravju jirrizulta fondat u qieghed jigi milqugh.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tilqa' l-appell tal-Avukat Generali u tirrevoka d-digriet appellat, u tordna li l-atti jigu rimandati lill-ewwel Qorti ghall-prosegwiment tal-kaz.

Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb